MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 210/2011

**A B**
**vs**
**C D, E D,**
**Dr. Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno b' digriet tal-21 ta' Lulju 2011 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lit-tfal minuri F u G ahwa D u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat[1] tal-attur A B pprezentat fis-27 ta' Gunju 2011 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

"Illi l-intimati C u E konjugi D izzewgu fid-29 ta' Settembru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (29.09.1995).

[1] Fol. 1

Illi minn dan iz-zwieg twieldu F u G fid-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (29.10.2004) u fit-12 ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (12.02.2006) rispettivament.
Illi l-minuri gew registrati fir-Registru Pubbliku mill-intimati konjugi D b'Att tat-Twelid bin-numri ta' iskrizzjoni 3616 tas-sena 2004 (F D) u iskrizzjoni 542 tas-sena 2006 (G D);
Illi minkejja li t-tfal minuri gew registrati bhala t-tfal naturali ta' l-intimat E D stante li twieldu matul iz-zwieg bejn l-intimati konjugi D, il-missier naturali tat-tfal minuri huwa r-rikorrenti A B, li kellu relazzjoni ma' l-istess intimata C D;

Jghidu ghalhekk l-intimati, ghar-ragunijiet suesposti, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:
1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri F u G ahwa D ma humiex tfal naturali ta' l-intimat E D izda huma t-tfal naturali tar-rikorrenti A B billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru it-testijiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-paternita tal-minuri;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri F D numru ta' iskrizzjoni 3616 tas-sena 2004, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem E Anthony D jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati:
A B, karta ta' Identita Numru 389568(M), imwieled Pieta residenti Zejtun, iben Carmelo B
3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri G D numru ta' iskrizzjoni 542 tas-sena 2006. jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem E Anthony D jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati:
A B, karta ta' identita Numru 389568(M), imwieled Pieta residenti Zejtun, iben Carmelo B

Bl-ispejjez kontra l-intimati illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti tal-attur.

Rat ir-risposta guramentata[2] tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn tresqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. “Illi in vena preliminari jinghad li stante l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri F u G ahwa D, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri F u G, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal-procediment tal-azzjoni odjerna.
2. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri F u G ahwa D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;
3. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jrid jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri F u G, l-intimata C D kienet wettqet adulterju mal-attur A B u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista’ wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lir-ragel tal-intimata E D bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri F u G, u dan ai termini tal-artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligljiet ta' Malta billi adegwatament u konvincenternent juru li l-pussess ta' stat tal-minuri F u G ahwa D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha:

5. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita’, (3) l-

[2] Fol. 27

eta’ tieghu meta twieldu il-minuri F u G ahwa D, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldu t-tfal F u G ahwa D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferiti F u G ahwa D;

6. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti il-minuri F u G ahwa D iridu jaghzlu liema kunjom ha jzommu wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

7. Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem E Anthony D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3616/2004 u 542/2006;

8. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;”

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur konvenut.

Rat ir-risposta guramentata[3] tal-kuraturi deputati nominati biex jirraprezentaw lill-minuri fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti.

Rat l-atti kollha inkluz il-prova xjentifika tad-DNA.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2012 innominat lill-Medjatur tal-Familja s-Sur Julian Sant Fournier sabiex jiffacilita’ d-diskussjonijiet bejn l-attur B u l-konvenuta D fir-rigward tal-kura, kustodja u manteniment tal-minuri.

[3] Fol. 31

Rat illi fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2013 deher il-konvenut E D u ddikjarat li ma kienx qed jopponi ghat-talbiet attrici.

Rat li fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2013 il-Qorti giet informata li bl-assistenza tal-Medjatur tal-Familja Julian Sant Fournier kien intlahaq ftehim bejn l-attur B u l-konvenuta D, liema ftehim gie redatt f’abbozz ta’ skrittura li gie pprezentat f’dawn l-atti mill-Medjatur.

Rat illi l-partijiet talbu li fid-decizzjoni taghha l-Qorti tinkorporaha l-ftehim milhuq bejn l-attur B u l-konvenuta D.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla F u t-tifel G li twieldu lill-konvenuta C D fid-29 ta’ Ottubru 2004 u fit-12 ta’ Frar 2006 rispettivament u li fl-att tat-twelid rispettivament taghhom gew registrati bhala ulied il-konvenut E D, ir-ragel tal-konvenuta C D, huma fil-fatt l-ulied tal-attur A B.

**Provi**

Sew il-konvenuta C D kif ukoll il-konvenut E D iddikjaraw li huma jaqblu mat-talbiet attrici.
Xehdet ukoll bil-mezz tal-affidavit Dr Marisa Cassar[4] li kkonduciet it-testijiet tad-DNA. Hi hadet hsieb li tigbor il-kampjuni orali tal-attur B, tal-konvenuta D u taz-zewg minuri. Minn dawn it-testijiet gie ppruvat xjentifikament illi z-zewg minuri huma it-tnejn il-wild naturali tal-attur B.

**Konsiderazzjonijiet**

[4] Fol. 52

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu id-Direttur konvenut eccepixxa li l-attur ma ntavolax il-kawza entro t-terminu ta’ sitt xhur rikjest mill-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Bhala fatt jirrizulta li l-kawza ma gietx intavolata fit-terminu legali dettat mill Artikolu 73 imsemmi in kwantu l-minuri twieldu fis-snin 2004 u 2006 rispettivament mentri l-kawza giet intavolata fis-sena 2011.
Ghalkemm l-attur ma osservax it-terminu impost bl-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet kollha li l-istat taz-zewg minuri ma jaqbilx mal-kontenut tac-certifikati tat-twelid taghhom u ghalhekk jekk il-Qorti tipprosegwi ghas-sentenza fuq il-provi migjuba m’hu ser jigi lez id-dritt ta’ hadd. Ghal kuntrarju ser jigu evitati spejjez doppji u kawza ohra li twassal ghall-istess konkluzzjoni bhal dik odjerna.

Ikkunsidrat.
L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu **77A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi illi:

*“Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta’ tifel mwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista’ jmexxi b’rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-menin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju miegħu u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista’ wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x’aktarx jeskludu lir-raġel tagħha bħala l-missier naturali tat-tifel”*

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77A fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-
1. L-azzjoni promossa mill-pretiz missier naturali tigi istitwita kontra (a) l-omm (b) ir-ragel tal-omm u (c) il-wild taghha.
2. Li l-attur jipprova illi fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid l-omm kienet

wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qieghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.
3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.
Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwiziti huma sodisfatti.
Ghalhekk it-talbiet attrici ser jigu akkolti.

**Ftehim bejn il-genituri tal-minuri**.
L-attur u l-konvenuta D lahqu ftehim dwar kura, kustodja, residenza, access u manteniment taz-zewg minuri u talbu li l-Qorti tinkorpora fis-sentenza taghha it-termini tal-fehim minnhom milhuq.
Il-Qorti ezaminat it-termini proposti mill-partijiet imsemmija u hi tal-fehma li huma fl-ahjar interess tal-minuri u ghalhekk filwaqt li tawtorizza li l-ftehim propost jigi ffirmat mill-attur u mill-konvenuta D, ser tinkorpora fis-sentenza tallum partijiet saljenti mill-ftehim.
Rat l-**artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi illi:-
*(1) Il-qorti tista’, f’kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta’ waħda mill-partijiet, wara li tisma’ meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta’ waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*

Ghaldaqstant bis-sahha tal-Artikolu 175 Kap. 12 appena citat qieghda tippermetti tibdil fir-rikors guramentat billi tizdied is-segwenti talba:

“4. Tordna li l-kura u kustodja taz-zewg minuri tigi affidata lill-konvenuta D u tistabbilixxi il-modalita’ tal-access tal-attur ghaz-zewg minuri, tiffissa l-manteniment li l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta D ghaz-zewg minuri, u taghti dawk il-provvedimenti necessarji fl-ahjar interess taz-zewg minuri”.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur konvenut,

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-minuri F u G ahwa D fuq imsemmija ma humiex it-tfal naturali tal-konvenut E D izda huma t-tfal naturali tal-attur A B.

2. Tilqa’ t-tieni u t-tielet talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid taz-zewg minuri jigi kancellat l-isem u l-konnotati tal-konvenut E Anthony D u bhala missier jitnizzel isem l-attur A B bil-konnotati tieghu kif indikati fit-tieni u t-tielet talba attrici.

3. Tilqa’ r-raba’ talba u tordna li l-kura u kustodja taz-zewg minuri tigi affidata lill-konvenuta C D u maghha ghandhom jirrisjedu b’dan illi decizzjonijiet straordinarji rigwardanti l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri jittiehdu miz-zewg genituri flimkien.

4. Tordna li l-attur A B jkollu access ghall-minuri G bil-mod segwenti:-

a. nhar ta’ Sibt mit-tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar (3.30pm) sa l-ghada l-Hadd fis-sebgha ta’ filghaxija (7pm) filwaqt li l-gimgha ta’ wara, l-access ikun nhar ta’ Sibt mid-disgha ta’ filghodu (9am) sa l-ghada l-Hadd fis-sebgha ta’ filaghxija (7pm);

b. nhar ta’ Erbgha mit-tlieta ta’ wara nofsinhar (3pm) sas-sebgha ta’ filghaxija (7pm).

5. Tordna li l-attur A B jkollu access ghall-minuri F bil-mod segwenti :

(a) nhar ta’ Sibt mit-tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar (3.30pm) sa l-ghada l-Hadd sas-sebgha ta’ filghaxia (7pm) filwaqt li l-gimgha ta’ wara, l-access ikun nhar ta’ Sibt mid-disgha ta’ filghodu (9am) sa l-ghada l-Hadd fis-sebgha ta’ filaghxija (7pm);

nhar ta’ Erbgha mit-tlieta ta’ wara nofsinhar (3pm) sas-sebgha ta’ filghaxija (7pm).

Dwar is-*sleep overs* tal-minuri Roslana, bi qbil bejn iz-zewg genituri, il-Qorti qed thalli fid-diskrezzjoni tal-minuri Roslana, stante l-eta' taghha, jekk taghmilx *sleep overs* ma' missierha u fl-eventwalita' li tiddeciedi fin-negattiv allura l-missier ikun obbligat li jwassalha lura ghand ommha f'hin li jkun ragjonevoli.

6. Tordna li kull parti tkun intitolata ssegwi l-progress tal-edukazzjoni tat-tfal minuri u titlob u tottjeni wahedha l-informazzjoni kollha minghand id-dirigenti tal-iskola u postijiet edukattivi ohra tal-istess tfal minuri.

7. Tordna li il-genitur li fil-hin tal-attivitajiet tal-minuri inkluz Muzew, privatijiet u attivita` extra-kurrikulari, il-minuri jkunu mieghu jew maghha, jkun obbligat jew tkun obbligata skont il-kaz li jwassal il-minuri ghal tali attivitajiet.

8. Tordna li l-omm tippercepixxi il-beneficcji socjali dovuti rigwardanti t-tfal inkluz Children's Allowance mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u kwalunkwe allowance iehor moghti mill-Gvern ghat-tfal minuri.

9. Tordna li l-partijiet ma ghandhomx isiefru maghhom lill-minuri jekk mhux bi qbil bil-miktub bejniethom u fin-nuqqas b'ordni tal-Qorti kompetenti. Fl-eventwalita' li xi hadd mill-partijiet ikun irid isiefer mat-tfal minuri, il-parti l-ohra ghandha tigi avzata bil-miktub mhux anqas minn xahar qabel l-ewwel gurnata tas-safra proposta flimkien mad-dettalji kollha rigward l-istess li ghandhom jinkludi titjiriet, akkommodazzjoni u numru tat-telefon.

10. Tordna lil A B sabiex ihallas lil C D bhala manteniment ghaz-zewg minuri s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull xahar bil-quddiem liema somma ghandha tinqasam in kwantu ghal mitt Ewro (€100) ghal F u mitt Ewro (€100) ghal G, pagabbli b'effett mill-1 ta' April 2013 liema manteniment jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u liema manteniment jibqa' jithallas wara li l-minuri jsiru maggorenni u sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena jekk jibqghu isegwu kors ta' studju *full-time*.

11. Tordna li l-ispejjez edukattivi u dawk medici tal-minuri ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet b'dan illi A B ghandu jhallas jew jirrimborza lill-mara ghal nofs l-ispejjez edukattiv u nofs l-ispejjez medici. Il-hlas ta' dawk l-ispejjez ghandu jsir minn A B lill-konvenuta C D mhux aktar tard minn gimgha minn meta tigi pprezentata lilu l-ircevuta tal-ispejjez.

12. Tordna li fuq ic-certifikat tat-twelid iz-zewg minuri jkunu maghrufa bil-kunjom B ;

Fl-ahharnett tawtorizza lill-partijiet jersqu fuq l-iskrittura ta' ftehim ipprezentata ghall-approvazzjoni tal-Qorti mill-Medjatur tal-Familja Julian Sant Fournier.

Tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza jigu sopportati mill-attur A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------